# Renzo Gauci (1959 - 2018)

**Apprezzament minn Mark Camilleri**
**Membru Onorarju tal-Kummissjoni Festa Esterna**

**Introduzzjoni**

Huwa ta' unur kbir għalija li saritli din l-istedina biex nikteb artiklu fuq l-artist Renzo Gauci. Ngħid il-verità, meta avviċinani s-Segretarju tal-Kummissjoni biex nikteb dan l-artiklu kien biss ftit sigħat minn meta tħabbret il-mewt ta' Renzo. Nistqarr li dak iż-żmien kien ferm ta' dieqa għalija, għax Renzo għalija ma kienx biss Renzo l-artist, imma kien ukoll ħabib u aktar. Issa li għadda ftit taż-żmien minn dik il-mewta kiefra, nista' nikteb b'inqas emozzjonijiet.



Ritratt tal-mibki skultur Renzo Gauci.

**Renzo – fil-bidu li sirt nafu**

Lil Renzo sirt nafu meta kelli 18–il sena. Kien proprju ftit wara t-twaqqif tal-Kummissjoni Festa Esterna meta mort għall-ewwel darba għandu biex nibdew il-proġett tat-trofej. Ippermettuli għalissa ma nitkellimx fuq Renzo l-iskultur imma fuq il-ġenwinità u l-ġentilezza ta' dan ir-raġel. Fi żmien jew ieħor tal-ħajja kulħadd jiltaqa' ma' problemi u saram li ma tkunx qed tistennihom. Ma tkunx trid titkellem ma' min ikun fuq il-problemi tiegħek, però jien u Renzo konna ħbieb u minn dejjem ħassejt li seta' kien il-persuna li miegħu stajt nitkellem, niftaħ qalbi u jifhimni fid-diffikultajiet tiegħi. Ma kontx żbaljat għaliex mill-ewwel kien ta' faraġ, għajnuna u kien jagħtini pariri siewja. Ta' ġentlom li kien, kien ineħħi l-għodda minn idejh, jagħlaq il-bieb u jismagħni. Kien jinsa l-urġenza tax-xogħol tiegħu, il-ġlieda kontra l-ħin u jieqaf. B'dan li għidt, għandkom tifhmu l-introduzzjoni tiegħi u għalhekk Renzo kien, għadu u jibqa' iktar minn ħabib.



L-istatwa tal-anġlu bis-simboli tal-Mużika u l-Ordni Karmelitan li nħadmet fl-1994 u għalhekk dis-sena qed tagħlaq 25 sena fil-festa tagħna.

**Renzo – Armar għall-festa tagħna**

L-ewwel darba li ltqajt ma' Renzo kien permezz tal-ħabib tiegħi Simon Mercieca li għandu Knisja fil-minjatura b'ħafna xogħol tiegħu. Dak iż-żmien kont għadni żgħir b'enerġija u entużjażmu kbir u għalhekk xtaqt li fir-raħal fejn kont noqgħod, il-Fgura, nibdew nagħmlu ftit armar bħal dak li konna naraw fl-irħula ta' madwarna. Nista' ngħid li jien kont ukoll ixxurtjat li ltqajt mal-ħabib tiegħi Joe Azzopardi li għalkemm ma kienx jaħdem bħala disinjatur, lili għamilli diversi disinni. Kienet riċetta tajba ħafna għax iż-żewġ artisti għarfu l-ħiliet ta' xulxin u minn hemm bdiet ħbiberija kbira bejnietna. L-ewwel biċċa xogħol li għamlilna Renzo kienet l-iskultura tat-trofej ta' quddiem il-knisja. Minn hemm ma waqafniex mill-iskultura u għamilna wkoll diversi bandalori u pavaljuni fuq disinni tiegħu.



*Pavaljun ta' Triq Martin Luther King imżanżan fl-2007 fuq disinn tal-artist.*



*Pedestall tal-istatwa ta' San Sebastjan ġewwa Ħal Qormi. Pedestall kontemporanju li jikkumplimenta l-istil ta' knisja moderna.*

Insemmi dawk ta' Triq Żabbar, Triq Hompesch u Triq Martin Luther King. Insemmi wkoll l-anġlu tal-Banda Madonna tal-Karmnu li dis-sena qiegħed jagħlaq 25 sena minn meta ħadmu.

Sfortunatament, fl-2016, l-iskultura tal-Pedestall il-ġdid tal-Madonna li kienet ikkumissjonata lilu mill-Kummissjoni preżenti ma kellhiex issir għaliex inzertat eżatt fiż-żmien tant diffiċli tal-marda tiegħu. Nixtieq immur lura wkoll f'nofs is-snin disgħin u nsemmi d-disinn tal-bankun u bradella tal-Madonna tal-Karmnu flimkien mal-ħidma tal-iskultura tagħhom li saret wara. Dawn kienu kollha xogħlijiet li bihom bdiet tiżżejjen il-parroċċa tagħna u ferrħu mhux ftit lid-dilettanti Fgurin li tant għandhom għal qalbhom il-festa tagħna.

**Renzo – artist kbir**

Jekk wieħed jibda jsemmi x-xogħlijiet li għamel Renzo fil-knejjes u tiżjin għall-festi, żgur li ma jispiċċax. L-aħħar diskursata li kelli miegħu kienet l-isptar xi xahar qabel ħalliena. Fost affarijiet li tkellimna dwarhom kienu x-xogħlijiet li vera laqtuni. Dawn kienu ftit barra mil-linja li normalment imdorrijin naraw. Kien vera kuntent isemmili tliet opri li hu stess kien ħareġ barra



*Bankun u Bradella tal-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ġewwa l-Qrendi.*




*Skudett artistiku tat-trofej imżanżan fil-festa tal-2001.*




*Sett Forċini għall-vara titulari tal-Madonna tal-Karmnu, Fgura fuq disinn ta' Renzo Gauci fis-sena 2002.*

min-norma. L-ewwel opra hija l-planċier li ħadem għar-raħal tiegħu, Ħal Tarxien. F'dan il-planċier wieħed jista' jinnota l-gandilabri kbar imdawrin mad-dawra tiegħu kif ukoll iż-żewġ gallarijiet mal-faċċata tiegħu. It-tieni opra li semmieli kienet il-pedestall tal-istatwa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi. Hija biċċa xogħol partikolari, kontemporanja



*Dettall mill-iskultura tat-trofej li nħadmet mill-artist Renzo Gauci bejn l-1998 u l-2001.*



*Bradella tal-istatwa ta' Santa Marija ġewwa Ħal Għaxaq, imżanżna fis-sena 2015 u meqjusa bħala opra kbira.*

u differenti mill-Barokk li mdorrijin naraw fil-maġġoranza tal-knejjes Maltin. Ovvjament dan sar biex jikkumplimenta l-istil tal-istatwa kif ukoll dak tal-knisja. L-aħħar u mhux l-inqas, il-bradella ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq li Renzo kien verament kuntent biha għax kienet l-iktar waħda riċenti u ntlaqgħet tajjeb ħafna min-nies. Huwa qalli li ma kienx faċli li joħroġ b'dan id-disinn għaliex kienet barra min-norma kif ukoll kellha sfidi kbar tal-karpinterija.

Meta nsemmi lil Renzo bħala artist, nista' nibqa' għaddej u ma nispiċċa qatt imma llum inħoss u nixtieq nikteb fuqu bħala ħabib.

**Renzo – Iktar minn ħabib**

Nistqarr magħkom li din hi l-iktar parti emozzjonali ta' dan l-artiklu. Renzo kien ħabib ma' kulħadd allura kien aktar ħabib ma' dawk li kienu jifthu qalbhom miegħu u jafdawh ukoll bil-ħajja personali tagħhom. Kien hemm żmien meta lil Renzo kont infittxu iktar għal sostenn morali milli għal dak artistiku. Iva kont insibu ta' duwa għall-feriti u d-dwejjaq li kien ikolli. Kont insibu ta' sostenn biex nibqa' għaddej u kien jikkalma wkoll ir-rabja li xi drabi kien ikolli. Il-pariri meqjusa tiegħu ma kinux jonqsu u s-soluzzjonijiet li kien joffrili, kienu jkunu prattiċi ħafna. Allura bir-raġun li l-marda tiegħu ħassejtha ħafna u t-telfa tiegħu ġabitli dieqa li għadni nħossha sal-lum. Bir-raġun ngħid li nħoss u nqabbel it-telfa tiegħu, ma' telfa ta' membru tal-familja.



*Dettall mill-Pedestall tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu l-Fgura mżanżna flimkien mal-induratura tal-Vara fil-festi speċjali tal-1995.*



*Skultura li żżejjen il-Bradella tal-Madonna tal-Karmnu l-Fgura, xogħol Gauci fl-aħħar tas-snin disgħin.*




*Il-bandalori tat-triq prinċipali disinn l-artist Renzo Gauci fis-sena 2001.*



*Il-kapulavur tal-planċier artistiku mżanżan ġewwa l-Pjazza ta' Ħal Tarxien fil-bidu tas-snin 2000.*




*Disinn oriġinali tal-bandalori ta' Triq Żabbar ġewwa l-Fgura minn id Renzo fis-sena 1997.*





*L-iskultura prinċipali tal-Bankun tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu xogħol fl-injam tal-iskultur Renzo Gauci.*

**"Renzo, ngħidlek Grazzi"**

"Renzo, nirringrazzjak ta' kollox. Mhux biss lilek imma wkoll lill-mara tiegħek. Tista' tgħid li meta kont tkun magħkus bix-xogħol, kont issibha hemm ħdejk biex tagħtik daqqa t'id. Magħha kont niddiskuti wkoll xi riċetti tal-ħelu u mhux l-ewwel darba li jien stess ħadt pariri tajbin mingħandha. Nixtieq ukoll nirringrazzjak tax-xogħol artistiku li għamiltli fil-mudell tal-knisja tiegħi. Għalkemm ġieli rrabjajtni wkoll għax tkun waslet il-Ġimgħa l-Kbira u nkun bqajt b'xejn, kont ninsa kollox meta nara t-tbissima tiegħek u nifhem li għal dik is-sena ma kienx possibbli li tlestili iktar skultura. Però, kull meta kont tlestili xi biċċa xogħol, kont nara fiha arti u dedikazzjoni. Ma kinitx tkun biċċa xogħol għall-flus iżda mħabba u rispett lejn l-arti tiegħek. Fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi għax matul l-għaxar snin li għamilt fil-kariga ta' Direttur tal-Armar tal-Kummissjoni Festa Esterna sibtek dejjem lest biex taħdem magħna, temmen fina u mix-xejn bdejna l-armar ta' livell, bid-disinni tiegħek. Iva tlift artist u ħabib ta' veru imma int tibqa' f'qalbi u niftakar fik kuljum fit-talb tiegħi."

"Strieħ fis-sliem sieħbi, sakemm nerġgħu niltaqgħu."